# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/393

**tal-1 ta' Marzu 2021**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE stabbilit permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea rigward emendi fil-Kapitolu IIa, u fl-Annessi I u II, tal-Protokoll 10 ta' dak il-Ftehim, dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u l-formalitajiet rigward il-ġarr tal-merkanzija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Protokoll 10 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]) (il-"Ftehim ŻEE") dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u l-formalitajiet rigward il-ġarr tal-merkanzija u dwar miżuri doganali ta' sigurtà (il-"Protokoll") ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/2009 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ŻEE (il-"Kumitat Konġunt taż-ŻEE") jista' jadotta deċiżjoni li temenda l-Kapitolu IIa u l-Annessi tal-Protokoll matul is-sessjoni li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju ta' ittri.

(3) Taħt l-Artikolu 9h(3) tal-Protokoll, huma meħtieġa emendi fil-Kapitolu IIa, u fl-Annessi I u II, tal-Protokoll sabiex jittieħed kont tal-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar materji koperti minn dak il-Kapitolu u minn dawk l-Annessi. Barra minn hekk, jekk ma tistax tiġi adottata deċiżjoni għall-implimentazzjoni simultanja tal-emendi fil-Protokoll u l-emendi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-emendi previsti fl-abbozz ta' Deċiżjoni ppreżentat għall-approvazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għandhom jiġu applikati b'mod proviżorju fejn possibbli mill-15 ta' Marzu 2021, bir-rispett dovut lejn il-proċeduri interni tal-Partijiet Kontraenti. Dik l-għażla ta' data tikkoinċidi mal-ewwel ħarġa tas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2, li fiha n-Norveġja qablet li tipparteċipa.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendi fil-Kapitolu IIa, u fl-Annessi I u II, tal-Protokoll, peress li dawk l-emendi se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jew permezz ta' skambju ta' ittri, fir-rigward tal-emendi fil-Kapitolu IIa, u fl-Annessi I u II, tal-Protokoll 10 ta' dak il-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ([3]).

([1]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/2009 tat-30 ta' Ġunju 2009 li temenda l-Protokoll 10 dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonjiet u l-formalitajiet fir-rigward tat-trasport tal-oġġetti u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 (ĠU L 232, 3.9.2009, p. 40).

([3]) Ara d-dokument ST 5661/21 hawnhekk: http://register.consilium.europa.eu.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. P. ZACARIAS